




***Disinn tar-Rotunda kif setgħat saret iżda li nbidel matul iż-żmien***



# Żewġ anniversarji għall-Mosta

GEORGE CASSAR Ph.D.

## Ir-Rotunda titwieled 170 sena ilu

■ Tiġi kważi b' mod naturali li meta taħseb fil-Mosta mill-ewwel tassoċjaha mal-knisja rotunda tagħha. Dan għaliex l-istess kobor u għoli ta' dan il-bini ma jistax jinħeba mill-bini tal-madwar. Il-ġojjell ta' l-arkitett George Grognet de Vassè hu l-punt ta' referenza f'din il-belt fiċ-ċentru tal-gżira Maltija. Xogħol fuq stil neo-klassiku imma b' fattizzi personalizzati ta' l-arkitett li jagħtu lil dan il-bini tond il-karatteristika tiegħu. Ifakkrek fil-Pantheon, dak it-tempju tond, monument ta' Agrippa li kien sar knisja Kattolika wara 'l waqgħa ta' l-Imperu Ruman. Fl-istess ħin il-proġett ta' Grognet (jew Grongnet kif ġieli ffirma ismu dan l-arkitett stess) mhux kopja perfetta ta' dan il-bini Ruman għax dan l-arkitett Malti ta' dixxendenza Franċiża ra li fir-Rotunda tal-Mosta jħalli t-timbru tiegħu.

Kien 170 sena ilu li dan il-proġett twieled u ġie approvat. Fil-fatt il-Kap ta' l-Inġiniera Ingliżi aċċetta d-disinn ta' dan il-bini fil-15 ta' Marzu 1833. Ġimgħa wara, fil-21 ta' l-istess xahar inħareġ il-permess biex jinbeda x-xogħol mid-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi. Kien proġett li ma kienx nieqes mill-kontroversji. Ma kienx niżel tajjeb ma' l-Isqof ta' Malta Francesco Saverio Caruana li ma rax fid-disinn ta' Grognet bini li kien jixraq għal knisja Nisranija. Kien hemm ukoll kontroversji fuq id-disinn mil-lat tekniku għax ħarġu dubji fuq kemm kien possibbli jitla' dan il-bini hekk kbir. Grognet ġie affrontat fuq l-istruttura li ħażżeż għax kien hemm minn ddubita kemm koppla hekk kbira setgħet tieqaf fuq is-sodda tal-franka li kienet ġebla ratba. Kienu x'kienu l-problemi, il-Kappillan tal-Mosta Dun Felice Calleja dan id-disinn għoġbu u ħadem bla rażan biex din ir-rotunda titla'. U hekk ġara. Ġab l-approvazzjoni tat-Tenent Gvernatur Frederick Cavendish Ponsonby wara li dan waqqaf kummissjoni biex tistudja l-proġett biex b'hekk fit-30 ta' Mejju 1833 fl-erbgħa ta' wara nofsinhar saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' dan it-tempju. Fil-preżenza tal-Gvernatur Ponsonby innifsu u l-Arċidjaknu Dr. Salvatore Lanzon, Vigarju Ġenerali, flimkien ma' għadd ta' mistednin distinti, ġie varat proġett li r-riżultat tiegħu hu t-tempju lill-Assunta li l-Mosta tant hi kburija bih.

Ir-Rotunda bdiet tinbena taħt l-imgħallem Ġużeppi Mangion minn Birkirkara iżda maż-żmien l-imgħallem Anġlu Gatt miż-Żejtun ħa l-proġett f'idejh biex rah tiela' u jieħu l-forma li għandu llum. Ħadmu fuq dan it-tempju numru ta' ħaddiema bi ħlas iżda aktar minn hekk ħadmu ħafna Mostin b'xejn. Dawn il-membri tal-komunità Mostija taw sehemhom fil-ħin liberu tagħhom u fuq kollox fil-Ħdud u l-festi. Biex il-proġett jibqa' wieħed 'Mosti' anki l-ġebel inqata' mill-inħawi tal-Mosta. Il-materja prima ngiebet min-naħat imsejħa Ta' Durumblat jew Dullambrot viċin it-Torri Cumbo.

Kien proġett li jiswa' ħafna flus. Taw ġidhom il-Kappillan Calleja u s-suċċessur tiegħu, il-Kappillan Giovanni Maria Schembri u ħafna nies oħra. Kien tempju li nbena matul snin u snin ta' ħidma. Kien fit-18 ta' Frar 1860 li l-knisja l-qadima li kienet għadha wieqfa ġewwa r-Rotunda bdiet tiġi maħtuta sakemm fil-11 ta' Marzu ta' dik is-sena l-Isqof ta' Malta Gaetano Pace Forno fit-3.30 ta' wara nofsinhar wasal il-Mosta u intona *Te Deum* bħala ringrazzjament li wara 27 sena ta' xogħol, il-koppla issa kienet magħluqa.

L-erba' personaġġi l-aktar li ħadmu f'dan ix-xogħol kolossali kollha jinsabu midfunin ġewwa t-tempju li tant taw biex jarawh wieqaf. Għalhekk il-kappillani Calleja u Schembri, l-arkitett Grognet u l-imgħallem Gatt kollha jinsabu jistrieħu għal dejjem fir-Rotunda tal-Mosta.

It-tempju ddedikat lil Marija Assunta ra d-dawl fl-1833 u għalhekk issa għaddew 170 sena mill-bidu ta' dik li kellha tkun knisja ta' kobor u forma li l-Maltin mhux imdorrijin jaraw bħalhom. Fuq kollox kien beda dak il-proġett li l-Mostin tant għadhom kburin bih u li poġġa l-Mosta fuq il-mappa ta' Malta. Permezz ta' din ir-Rotunda, il-Mosta saret magħrufa mhux biss mal-Maltin u l-Għawdxin iżda wkoll ma' l-eluf kbar ta' barranin li jżuru din il-belt kull sena proprju biex jaraw dan it-tempju u jammirawh.

## L-XXIV Kungress Ewkaristiku isir f'Malta 90 sena ilu

Kien avveniment uniku għal Malta aktar u aktar f'dawk iż-żminijiet meta din il-gżira f'nofs il-Mediterran kienet għadha kolonja ta' l-Ingilterra u għalhekk ma kinitx sovrana u indipendenti. Madankollu dan kien avveniment li poġġa 'l Malta fuq il-mappa tar-reliġjon Nisranija għax ġab lejn



*pajjiżna ħafna nies ta' statura li għal ħamest ijiem attendew għal funzjonijiet li ġibdu eluf ta' nies matul dan il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Il-Mosta bir-Rotunda kbira u famuża tagħha spiċċat fost il-postijiet l-aktar importanti f'dan il-Kungress.*

*Tħejjijiet għal kungress internazzjonali bħal dan, ma setgħax jonqos, kellhom jibdew minn xhur qabel u hekk sar. Ġew imwaqqfa kumitati varji u saru diskussjonijiet fuq numru ta' siti fejn setgħu jitlaqqgħu eluf ta' nies f' daqqa għall-laqgħat il-kbar. Għal bidu kien hemm il-ħsieb li dan isir fil-grawnd tal-futbol ta' San Alwiġi u wara f'dak tas-Sależjani imma fl-aħħar ġie deċiż li l-laqgħat il-kbar kellhom isiru fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Imma, kien hemm min staqsa: 'il-Mostin kienu ser jaċċettaw li l-knisja tagħhom tintuża għal dan il-Kungress jekk huma jibqgħu barra?' Saret għalhekk laqgħa fuq iz-zuntier tal-knisja biex jaraw kif jaħsbuha l-Mostin. Ir-risposta ma setgħetx tkun aktar ċara. Mhux talli l-membri tal-komunità Mostija laqgħu b' idejhom miftuħa l-proposta għall-użu tar-Rotunda imma kienu lesti wkoll li joffru djarhom biex jingħataw dan l-unur. Għalhekk din il-kwistjoni issa kienet ċċarata. Saru l-arranġamenti kollha meħtieġa, inħareġ il-programm u tħejjew it-toroq u s-siti li kellhom jospitaw il-kungressisti u l-poplu li kien ser jattendi.*

*Kien it-Tlieta 22 ta' April 1913 meta wasal Malta il-Legat tal-Papa, il-Kardinal Domenico Ferrata u għall-Maltin il-ħolma ta' dan il-Kungress kienet issa saret realtà. Kien l-għada l-Erbgħa, 23 ta' April, l-ewwel jum uffiċċjali ta' l-XXIV Kungress Ewkaristiku, u hawn mill-ewwel daħlet fix-xena l-Mosta. Dan għaliex fit-2.45 ta' wara nofsinhar Ferrata telaq mill-Belt Valletta għall-Mosta.*

*Fit-triq lejn il-Mosta għadda minn numru ta' lokalitajiet fejn intlaqa' min-nies matul ir-rotta. Kif wasal il-Mosta ntlaqa' mill-Kardinali Nava u Lualdi u ġie ospitat fid-dar ta' l-Arċipriet tal-Mosta Dun Pawl Mallia. Ferrata sab raħal imżejjen għall-festa u f'dan it-tiżjin deher ċar kemm il-komunità Mostija kienet tat importanza lil dan l-avveniment reliġjuż u storiku fl-istess ħin. Wara li telaq mid-dar ta' l-Arċipriet Mallia, il-Legat tal-Papa rħiela lejn il-Knisja Arċipretali u waqt id-dħul tiegħu fir-Rotunda ġie esegwit l-Innu tal-Papa mill-Banda Nicolò Isouard. Kien ġewwa l-Knisja ddedikata lil Marija Assunta li l-Isqof Heylen iddikjara l-Kungress miftuħ.*

*L-għada, 24 ta' April, saret it-tieni laqgħa fil-knisja tal-Mosta. Din bdiet fit-3.30 p.m. fejn kien hemm preżenti dinjitarji tal-Knisja (il-Kardinali Bourne, Nava u Santos) u d-Duka ta' Norforlk, deskrit bħala 'l-ewwel wieħed fost il-Kattoliċi Ingliżi'.*

*Wasal it-tielet jum tal-Kungress u bħal jiem ta' qabel wara nofsinhar il-kungressisti reġgħu ltaqgħu fir-Rotunda tal-Mosta. Kien f'dan il-jum, 25 ta' April, li nqrat telegramma mibgħuta mis-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, il-Kardinal Merry de Val li fiha il-Papa Piju X ingħaqad mal-parteċipanti spiritwalment fil-Kungress. Intbagħtet ukoll il-barka Appostolika tal-*





Papa.

Wasal is-Sibt, 26 tax-xahar u reġa' kulħadd għall-Mosta. Kien madwar il-ħdax ta' filgħodu meta l-Kardinal Ferrata mar fil-villa ta' Dr. Grech Mifsud fejn ittieħed ritratt formali li fih kien hemm il-kardinali u l-isqfijiet kollha. Minn hemm għar-Rotunda għar-raba' u l-aħħar laqgħa ġenerali fil-knisja. Ħadet sehem ukoll f'din l-aħħar ġurnata fil-Mosta l-Banda Nicolò Isouard li ngħaqdet f'dimostrazzjoni li laqgħet lill-Kardinal Ferrata matul Via Nuova Valletta u wara l-Banda kompliet b' daqq li bih ferrħet lin-nies ħdejn iż-zuntier tal-knisja.

Għalkemm il-Kungress ma spiċċax hawn, imma għall-Mostin din kienet l-aħħar minn erbat ijiem ta' avventura liema bħala. Daqsxejn ta' raħal, dak iż-żmien bi ftit eluf ta' abitanti, kellu jkun is-sede ta' kungress internazzjonali b'dawk id-dinjitarji kollha li ltaqgħu fuq suġġett daqshekk importanti fit-twemmin Nisrani, ir-reliġjon li huma kienu tant ilhom iħaddnu b' devozzjoni u konvinzjoni.

Biex il-Mostin ma jinsewx raw li jpoġġu lapida ta' tifkira ta' dan l-avveniment tant kbir fl-istorja tagħhom. Din il-lapida li tinsab taħt il-kampnar tal-lvant (jew fuq il-lemin meta tħares lejn il-faċċata tal-knisja) hi bil-Latin u ġiet komposta mill-Prof. Dun Franġisk Sciberras. Tirrakkonta l-avvenimenti ta' dawk il-ġranet u ssemmi n-nies li attendew fir-Rotunda f' dawk l-erbat ijiem straord-inarji.

Tifkira oħra kienet il-bdil ta' l-isem tat-Triq Nuova Valletta li kienet infetħet fl-1854. Issa wara dan l-avveniment kbir it-triq sar jisimha Triq il-Kungress Ewkaristiku u hekk għadha sal-lum.




Il-Mosta setgħet tħossha ferm sodisfatta li kienet ospitat parti importanti mill-Kungress Ewkaristiku li oħrajn bħalu kienu saru fi żmienijiet oħra fi bliet bħal Pariġi (1888), Ġerusalemm (1893), Ruma (1905), Londra (1908) Madrid (1911) u Vjenna (1912).

Dan kollu ġara 90 sena ilu. U seta' ġara biss għax inħass li r-Rotunda tal-Mosta kienet post mill-aktar denju għal-laqgħat ta' dan l-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali.

Referenzi

'Editorjal: 150 Sena mit-Twaqqif tar-Rotunda', *Il-Mosta* (Jan.-Apr. 1983), p.6.
Bonnici, Ġ. (1996): *125 sena mit-twaqqif tal-Banda Nicolò Isouard fil-Mosta 1871-1996*, Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Malta.
Bonnici, J. u Cassar, M. (1988): *Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali Malta 1913*, Malta.
Borg, J. u Sant, J.A. (1998): *It-Toroq tal-Mosta: Ismijiet u Tagħrif Dwarhom*, Kunsill Lokali Mosta, Malta.
Programm: *Ftuħ ta' Ġnien Pubbliku 'Ġorġ Grongnet de Vassè'* - Il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju 2003.

**Żewġ kartolini li jfakkru l-Kungress Ewkaristiku maħruġa mill-Kunsill Lokali Mosta**